MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 460/2003

The Cargo Handling Company Limited
vs
W. J. Parnis England Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' sebat elef mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm7,127.16) import ta' tliet fatturi bin-numri 1238, 1239 u 1240 (Dokumenti annessi mac-citazzjoni u mmarkati bhala Dok. CH1, CH2 u CH3 rispettivament), liema fatturi kienu relattivi ghal ***transhipment charges*** fuq ***conventional cargo*** gewwa l-Malta Freeport;

Illi li s-socjeta` attrici hija wkoll kreditrici tas-socjeta` konvenuta f'dak l-ammont li jirrapprezenta l-imghaxijiet legali mid-data tas-servizzi relattivi;

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi, anke ufficjalment, sabiex thallas id-debitu taghha izda kienet baqghet inadempjenti;

Illi l-imsemmi kreditu tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jaf rapprezentant tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma kellha ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' din is-somma, kif jidher mill-affidavit ta' Godwin Abela anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok CH4;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167 ***et sequitur*** tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Taghti sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provvdut fl-artikoli 167 ***et sequitur*** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12); u

2. Tikkundanna minnufih lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm7,127.16) fuq imsemmija, dovuta kif intqal fuq.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal- ta' Marzu 2003, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prestazzjonijet rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta ai termini tal-Kap 12 artikolu 170(1) a fol 12.

Rat id-digriet tat-18 ta' Gunju, 2006 li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet (fol 21).

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta (a fol 25) li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-ebda somma ma kienet dovuta ghaliex waqt li hu koncess li l-Cargo Handling Company Limited hi kuntrattur tal-Malta Maritime Authority ghall-portijiet ta' Malta hu pacifiku li operazzjonijiet fil-Malta Freeport huma eskluzi mill-funzjonijiet taghha kif kellu jigi ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. Subordinatament il-Cargo Handling Company Limited ma kienet ghamlet l-ebda xoghol kif deskritt mill-fatturi taghha li dak ix-xoghol kien sar mill-***port workers*** immexxija mill-***foreman*** responsabbli ghat-trasbord il-Malta Freeport u l-hlas sar lilhom tramite l-istess ***foreman***.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Joseph Bowman ghas-socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Godwin Abela in rapprezentanza tas-socjeta` attrici.

Gie prezentat affidavit ta' Godwin Abela li fih issemma li s-socjeta` attrici kienet kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' sebat elef mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u

sittax-il centezmu (Lm7,127.16) import ta’ tliet fatturi bin-numri 1238, 1239 u 1240 u dawn kienu relattivi ghal ***transhipment charges*** fuq ***conventional cargo*** gewwa l-Malta Freeport. Is-socjeta` attrici kienet ukoll kreditrici tas-socjeta` konvenuta f’dak l-ammont li jirrapprezenta l-imghaxijiet legali mid-data tas-servizzi relattivi. Is-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi, anke ufficjalment, sabiex thallas id-debitu taghha izda kienet baqghet inadempjenti.

Gie prezentat affidavit ta’ <u>Enrico Overend</u> ***Company Secretary*** u ***Financial Controler*** mas-socjeta` attrici li fih issemma li s-socjeta` attrici hija kuntrattur tal-Malta Maritime Authority u hija inkarigata taghmel xoghol ta’ maniggjar ta’ merkanzija fil-portijiet Maltin. Skond il-ftehim li hemm bejn dawn iz-zewg socjetajiet ebda port ma hu eskluz. Is-socjeta` attrici qed tippretendi li tithallas minghand is-socjeta` konvenuta t-tariffa stabbilita` bil-ligi ghat-trasbord konvenzjonali li tohrog mill-***Ports Rates Regulations***. Kompla jghid li hija l-prassi li l-haddiema licenzjati tax-xatt jibaghtu l-fattura lill-Cargo Handling ghad-dritt taghhom skond it-tariffa. Il-haddiema tax-xatt baghtu lill-kumpanija attrici numru ta’ kontijiet. Dawn il-haddiema jkunu ngiebu apposta minn ***roster*** differenti minn dak regolari tax-xoghol tal-Freeport u ghalhekk jitolbu hlas apparti. Apparti dawn il-kontijiet is-socjeta` attrici ghandha l-ispejjez tal-***foreman*** u spejjez ohra amministrattivi.

Xehed <u>Enrico Overend</u> li semma li l-kuntratt li ghandha l-kumpanija mal-Malta Maritime Authority jkopri x-xoghol kollu li jinhatt f’Malta u li jitghabba, fil-portijiet kollha, ***bi***, Manoel Island, Grand Harbour, Ghawdex. Irrispettivament minn fejn ikun qed isir, ix-xoghol irid jinhadem mill-kumpanija. Fil-Malta Freeport l-uniku xoghol li l-kumpanija m’ghandhiex x’taqsam mieghu huwa propjament dak li jissejjah trasbord ***unitised***, trasbord tal-***containers***. Dak huwa esklusivament tal-Malta Freeport u l-kumpanija m’ghandhiex x’taqsam mieghu. Dan il-ftehim kien intlahaq permezz ta’ skrittura privata mhux att pubbliku.

Gie prezentat affidavit ta' George Ciantar ***Deputy Manager*** mal-***Office of the Manager Port Workers*** fi hdan il-Malta Maritime Authority li fih issemma li l-bastiment Brega Star wasal il-Freeport fis-7 ta' Dicembru 2002. Dan il-vapur hatt ix-xoghol tieghu ta' trasbord konvenzjonali u l-merkanzija tghabbiet fuq il-bastiment u Durban u Marina Star fis-7 ta' Dicembru 2002 u fit-23 ta' Jannar 2003 rispettivament. Qal li fil-Freeport ghandhom numru ta' ***foremen*** u meta jkun hemm xoghol konvenzjonali bhal dan il-***foreman*** li jkun responsabbli jikkomunika mal-ufficcju tax-xhud u jordna n-nies halli jahdmu dan ix-xoghol. Dawn in-nies m'ghandhomx x'jaqsmu mal-haddiema licenzjati tax-xatt. Il-haddiema licenzjati jithallsu bil-paga mentri dawn in-nies jithallsu skond it-tunnellagg tal-merkanzija skond it-tariffa. F'dan il-kaz kienu gew allokati tmien ***port workers*** u zewg ***winchmen***. Dan l-istess kumpliment ta' nies intuza ghat-tghabija tal-merkanzija. Nofs dan il-kumpliment ikun ***detailed*** biex jahdem abbord il-bastiment waqt li n-nofs l-iehor jahdem fuq l-art.

Ta xoghol bhal dan l-ufficcju tax-xhud johrog zewg settijiet ta' ***invoices***. L-ewwel ***set*** johrog ghal xoghol ta' ***stevedoring***, cioe` ghal xoghol li sar abbord il-bastiment. Dan jinkludi ***lashing*** u xoghol relatat. Dan is-***set*** johrog fil-konfront tal-agent tal-vapuri li f'dan il-kaz kien W. J. Parnis England. L-agent kien hallas il-kontijiet direttament u hargu r-ricevuti. It-tieni set ta' ***invoices*** johrog ghal xoghol li jkun sar fl-art. Ghal dan ix-xoghol huma jithallsu tramite l-kuntrattur tal-Malta Maritime Authority, cioe` l-Cargo Handling Company. Kompla jghid li l-prassi hija li tigi fatturata l-Cargo Handling skond it-tariffa statutorja u huma jithallsu direttament mill-Cargo Handling. Imbaghad hija l-Cargo Handling li tigbor il-hlas skond it-tariffa statutorja minghand l-agent tal-bastiment. F'dan il-kaz huma hargu fatturi fil-konfront tal-Cargo Handling u qeghdin jippretendu hlas minghandhom ghal xoghol li l-haddiema taghhom ghamlu fl-art. Il-Cargo Handling qaltilhom li hemm xi problema ma' W. J. Parnis England fis-sens li dan kien qieghed jirrifjuta li jhallas. Qal li din is-sistema li semma hija dik li tintuza f'kazijiet bhal dawn ta' trasbord konvenzjonali. Kien hemm diversi okkazjonijiet

fejn W. J. Parnis England kellu xoghol ta’ trasbord konvenzjonali u l-hlas dejjem sar kif kien spjegat aktar ’il fuq minghajr problemi.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Joseph Bowman in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta.

Rat l-affidavit ta’ Joseph Bowman fejn qal li hu ghandu l-kariga ta’ ***manager*** mal-Kumpanija W. J. Parnis England Limited li toffri servizz ta’ agenzija marittima, u f’dan il-kaz kien involut personalment. Il-kumpanija taghhom tirraprezenta lil “Brointermed Genoa”, sidien tal-bastiment Brega Star. F’Dicembru 2002 dan il-bastiment kellu jidhol fil-Freeport biex ihott u jghabbi xi merkanzija u wara jkompli lejn id-destinazzjoni finali tieghu fil-Libya. Il-vapur kien qed igorr taghbija ta’ ***containers***, kif ukoll ***general cargo*** li kien jikkonsisti primarjament fi blokok ta’ irham. Fil-fatt il-Brega Star dahal Malta u hatt u ghabba l-merkanzija izda meta gie biex jitlaq mill-Freeport kien inqalghalu xi ***engine trouble***. Il-vapur kien zviluppa ***crack*** fil-***crankshaft***, hsara serja li kien ifisser li l-vapur ma setax jitlaq minn Malta. Ghalhekk, is-sidien tal-bastiment kienu nkarigawh biex jiehu xi ***quotations*** ta’ kemm kienu jkunu d-diversi spejjez u hlasijiet involuti, inkluz tal-haddiema tal-port, li kieku l-merkanzija tinhatt mill-Berga Star u titghabba fuq vapur jew vapuri ohrajn. Kien ikkuntattja lil Victor Spiteri, ***foreman*** fuq il-haddiema tal-port, u kien tah stima ta’ l-ispejjez ghal ***port work*** ghal din l-operazzjoni ta’ ***trasbord***. Wara kien cempel lill-kumpanija attrici, il-Cargo Handling sabiex jikkonferma jekk kienux se jinkorru xi spejjez dovuti lill-Cargo Handling. Hu kien staqsa ghall-***General Manager*** Godwin Abela u ghall-***Accountant*** tal-kumpanija, li ma kienux hemm u kien kellem lis-segretarja tal-***manager***, M’Louise Attard li qaltlu li sa fejn kienet taf hi l-Cargo Handling ma jithallsux ta’ xoghol fil-Freeport. Hu xtaq ikun cert u cempel lill-Awtorita` Marittima ta’ Malta u kellem lid-Direttur tal-Port Charles Schembri. Hu kien qallu li tal-Cargo Handling ma jidhlux il-Freeport, pero` qallu li kien ser jiccekkja kollox qabel jikkonfermalu dan. Hu kien ikkonfermalu wara li l-ebda hlas ma kellu jsir lill-Cargo Handling. Kellem ukoll lil Charles Abela, Assistent

Direttur fil-Port, li rega' qallu l-istess diskors. Il-vapur Brega Star ingibed mit-***tugboats*** u saret l-operazzjoni tal-hatt tal-merkanzija. Il-***containers*** inhattu fil-***West Quay*** mill-haddiema tal-port bil-***cranes*** tal-bastiment u ttiehdu mill-haddiema tal-Freeport sat-***terminal***. Hija regola tal-Korporazzjoni tal-Freeport li ***containers*** fi hdan il-Freeport jingarru biss minn haddiema taghha. Rigward it-taghbija ta' l-irham, din tnizzlet minn fuq il-vapur wkoll mill-***West Quay*** mill-haddiema tal-port bil-krejnijiet tal-vapur, u ttiehdet fit-***terminal*** minn White Brothers Limited burdnara privati, li kienu qabbdu huma.

Xehed Charles Schembri Direttur Ezekuttiv ghall-Portijiet ma' l-Awtorita` Marittima u qal li kellu l-***file*** biex jara l-korrispondenza ricenti u ta' sena ilu. Jaf li darba minnhom wara nofsinhar, cempel is-Sur Joe Bowman dwar x'jaf is-suggett kien ***trasboard*** fil-Freeport. Wara sentejn ma kenitx wahda mit-telefonati waqt xi ***meeting***, il-kontenut ezatt ma jiftakrux. Ikkonferma li zgur saret it-telefonata mis-Sur Bowman lilu. Ikkonferma l-iskrittura li giet iffirmata fid-9 ta' Lulju 1998 bejn The Cargo Handling Company Limited u l-Malta Maritime Authority. L-iskop ta' dan il-ftehim kien arrangament bejn l-Awtorita` Marittima bhala Awtorita` Portwarja flimkien mal-kumpanija Cargo Handling Company Limited li jirrigwardja l-immanigjar ta' merkanzija dik identifikata ***ashore*** fuq il-mollijiet ghall-merkanzija fil-portijiet ta' Malta. Definizzjoni tal-portijiet ta' Malta hija moghtija f'pagna 5; ***"means the Grand Harbour of Valletta and Marsamxetto Harbour"***. Qal li bhala prattika meta per ezempju jkun hemm merkanzija ghal Ghawdex hija l-Cargo Handling li tiehu hsieb dawk f'Ghawdex. Skond pagna 7 tal-ftehim paragrafu 2 ***"the contractor shall perform short handling"*** u jghidlek fejn skond il-paragrafi, fil-mollijiet ta' Marsamxett ***from time to time determined by the Authority*** u ***in addition to the contractor shall perform short handling work not otherwise excluded in close…*** li kienet quddiemha ***at any other wharf of at such other places as the Authority may direct".*** Mistoqsi dwar dan il-kaz partikolari jekk tawx xi direttivi, ma ftakarx li ta anzi cert li ma tax direzzjonijiet lil Cargo Handling. In kontro-ezami gie mistoqsi meta x-xoghol ma jkunx ser isir fil-port il-Kbir

jekk kenitx il-prassi li l-Maritime Authority taghti direttivi specifici lill-Cargo Handling u irrisponda li dan it-tip ta' xoghol ta' ***cargo handling*** bhal Ghawdex, tipo meta kien isir il-Medserv isir, skond prattika li ilha gejja mill-ewwel darba li gie ffirmat il-kuntratt fis-sebghinijiet. Qal li ricentement kienet sussegwentement meta gibdu l-attenzjoni ta' l-Awtorita` Marittima li iva, ikkonferma li skond il-Cargo Handling merkanzija konvenzjonali gieli nhadmet fil-Freeport, ikkonfermawha l-Cargo Handling, u hu ma eskludihiex. Ikkonfema li l-Cargo Handling gieli ghamlet xoghol gol-Freeport dwar merkanzija konvenzjonali, tant hu veru, jinqala' ***gang*** ghal ta' l-apposta ghal dan ix-xoghol. Il-problema li l-kontenut ta' dik it-telefonata, ma jiftakarx jekk kenitx issemmiet ***conventional***. Ma jafx jekk dan ix-xoghol sarx jew mill-istess ***gang*** ta' nies allokat il-Freeport biex jaghmlu trasbord ta' ***containers***, ma kellux l-informazzjoni quddiemu imma setghet tigi konfermata mill-ufficcju tal-***Port Workers***.

Xehed <u>Stephen Parnis England</u>, direttur fil-kumpanija konvenuta li qal li jiftakar li xi zmien ilu hu u s-Sur Bowman kienu tkellmu dwar il-possibbilta` jekk jidhlux jew fil-kwistjoni tal-Cargo Handling Company u ghalhekk kienu ddecidew li jkellmu lid-Direttur tal-Portijiet is-Sur Schembri u dan minhabba l-fatt li meta jkollhom xi dubju dejjem icempillu l-MAA bhala regolatur. Qal li f'dik l-okkazjoni kien prezenti waqt it-telefonata. L-ewwel darba kif qal is-Sur Bowman kien kwazi cert li kien ha jiccekkja u mbaghad wara cempel lura u qal li le, xoghol ta' ***trasbord*** fil-Freeport ma jidholx zgur u huma ghamlu ***quotation*** skond dak li qal hu. Qal li fil-fatt ma kenitx ***conference call*** pero` xorta wahda hu seta' jifhem ezattament bil-mod ta' kif qeghdin jitkellmu x'kienu qed jghidu.

Xehed <u>Dr. Stanley Portelli</u>, ***Director legal and corporate affairs*** mal-Malta Freeport Terminals Limited u mistoqsi dwar l-operat tal-Freeport u x'ghandu specifikament differenti, irrisponda li huma ghandhom zewg portijiet bazikament illi jihhendiljaw ***containers***. Il-Freeport huwa involut unikament fil-***business*** tal-***handling*** ta' ***containerised cargo***. Hamsa u disghin fil-mija ta' l-

operat tieghu jikkonsisti fix-xoghol ta’ trasport u bejn wiehed u iehor hamsa fil-mija ta’ l-operat tieghu jikkonsisti fix-xoghol domestiku. Mill-belt naturalment apparti l-volum ta’ xoghol hemm numru ta’ prattici li huma differenti per ezempju jekk isemmu l-haddiema licenzjati tal-port filwaqt illi ghax-xoghol li jinhadem fil-Belt jithallsu tariffa li hija regolata mil-ligi, fil-Freeport ghal dak li huwa x-xoghol kollu hlief ix-xoghol domestiku jithallsu rati li huma negozjati maghhom. Qal illi l-Malta Maritime Authority tirregola unikament dak li ghandu x’jaqsam mal-bahar, mal-operat tal-bahar jigifieri fuq l-art m’ghandha x’taqsam xejn hlief ghar-rwol li ghandha li tamministra l-haddiema licenzjati tal-port. Dwar ***containers*** qal li hemm il-possibbilita` li ***container*** jinhatt fil-port il-kbir. Dwar fejn jidhol il-vapur, dik hija deciza mill-***owner*** tal-vapur li hija mbaghad deciza mir-rapprezentant tieghu lokali. Il-MMA taghti kuntratt lill-Cargo Handling ***to handle cargo*** bazikament. L-artikolu li jirregola l-postijiet fejn ghandha topera l-Cargo Handling bhala kuntrattur ta’ l-MMA ma jinkludix il-port ta’ Marsaxlokk il-freeport. Allura l-operat taghha skond il-kuntratt li ghandha mal-MMA ghandu jkun limitat ghall-port tal-Belt u jispecifika the ***various quays*** li hemm il-Belt. Pero` l-port ta’ Marsaxlokk allura anke l-freeport mhux inkluz fil-kuntratt li l-Cargo Handling ghandha ma’ l-MMA.

Din il-lista ***exhaustive*** pero` ma tinkludix il-freeport. Il-Cargo Handling ma tistax tinsisti li tahdem il-Freeport. Fil-kuntratt tal-privatizzazzjoni li sar mal-operatur il-gdid tal-Malta Freeport Terminals Limited, id-dritt jew kwazi d-dover tal-***handling*** tad-***domestic cargo*** jaqa’ fuq l-operatur il-gdid, cioe` huma. Kienet decizjoni strategika tal-kumpanija l-gdida meta hadet il-Freeport f’Ottubru 2004 li thalli l-kuntratt li ghandha l-Cargo Handling mal-MMA issa din is-sena f’Lulju mbaghad jidhlu huma bit-tariffa skond il-ligi minn Lulju li gej ’il quddiem. Fil-fatt il-Gvern gie notifikat li ser jesegwixxu dan id-dritt li ghandhom fil-kuntratt tal-privatizzazzjoni b’effett minn Lulju 2006. In kontro-ezami qal li l-funzjoni tal-Cargo Handling hija li thott u tghabbi x-xoghol fost affarijiet ohra. Dik il-funzjoni fundamentali tal-Cargo Handling fil-Freeport qatt ma saret mill-Cargo Handling pero` ghal dak li

jirrigwarda x-xoghol domestiku tigbor id-drittijiet taghha minghajr ma tkun ezegwiet ix-xoghol u tigbor id-drittijiet li jitqassmu lill-***port workers***, hemm pataflun ta’ tariffi skond il-ligi u tqassamhom kif taghmel il-Belt, pero` mhix xi haga li jidhlu fiha huma dik. Jekk tistaqsi lilu personalment jaghti l-interpretazzjoni lis-sitwazzjoni li mhix intitolata ghal dik il-funzjoni li tigbor il-flus fil-Freeport il-ghaliex il-kuntratt li ghandha mal-MMA jeskludiha lill-Cargo Handling fil-Freeport. Issa l-fatt li qed taghmilha hu ta l-***background*** lill-Qorti, kien wiehed mill-kompromessi li ntlahaq f’dawk iz-zmenijiet biex jibda x-xoghol fil-Freeport. Jekk hix legalment intitolata jew le ma hassux kompetenti li jaghti dik l-interpretazzjoni.

Rat in-nota tal-kumpanija konvenuta a fol 80 tal-process li permezz taghha gew esebiti estratti tal-ftehim ta’ xoghol dwar ***cargo handling*** datat 9 ta’ Lulju 1988 bejn il-Malta Maritime Authority u l-Cargo Handling Company Limited li fil-fehma ta’ l-istess konsulenti legali tas-socjeta` konvenuta juru li l-Freeport huwa eskluz mid-definizzjoni ta’ port ghall-iskopijiet tal-ftehim u li ghalhekk mhux kopert mill-imsemmi ftehim. Jinghad ukoll li l-imsemmija konsulenti legali kkonfermaw l-awtenticita` ta’ l-estratti. Minn dawn johrog (ara fol 82) li:
(e) ***“Port” means the Grand Harbour of Valletta and Marsamxetto Harbour***.

Il-Qorti tat lill-konsulent legali tas-socjeta` attrici sal-14 ta’ Awissu 2006 biex jipprezenta nota izda dan ma sarx, anqas wara li fis-27 ta’ Nvembru 2006 gie estiz ghall-ahhar darba t-teminu sas-7 ta’ Dicembru 2006 u awtorizzat li anke jekk ma tidholx din in-nota is-socjeta` konvenuta jkollha sal-31 ta’ Jannar 2007 biex tipprezenta n-nota taghha, kif fil-fatt ghamlet u liema nota tinsab a fol 86 sa 93 tal-process. Peress li fis-6 ta’ Marzu 2007 gie espress id-dubju jekk is-socjeta` attrici ghadx fadlilha interess fl-ezitu tal-kawza odjerna l-Qorti regghet tat zmien lis-socjeta` attrici biex sat-30 ta’ Marzu tiddikjara ghadx ghandha interess u tinforma lill-istess Qorti dwar in-nota ta’ osservazzjonijiet li kellha tigi prezentata u dan peress li ma kien deher hadd ghas-socjeta` attrici ghall-kawza. Ghalhekk il-kawza giet differita ghas-17 ta’ April

207 u peress li dehru biss il-konsulenti legali tas-socjeta` konvenuta l-Qorti kkancellat il-kawza mil-lista. Fuq talba ghal riappuntament il-Qorti r-riappuntat il-kawza ghall-20 ta' Novembru 2007 u l-Qorti regghet tat terminu gdid lis-socjeta` attrici biex sas-17 ta' Jannar 2008 tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet taghha, izda din sal-lum ghadha inadempjenti.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Fil-kawza odjerna s-socjeta` attrici qed titlob li l-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha s-somma ta' Lm7,127.16 ossija €16606.28 u dan ta' import ta' tliet fatturi relattivi ghal ***transhipment charges*** fuq ***conventional cargo*** gewwa l-Malta Freeport.

Is-socjeta` konvenuta sostniet li primarjament is-socjeta` attrici mhix il-kuntrattur ta' l-Awtorita` Marittima fir-rigward ta' operazzjonijiet li jsiru fil-Freeport, u sekondarjament lil-Cargo Handling m'ghamlitx ix-xoghol li qed tippretendi l-hlas ghalih. Is-socjeta` konvenuta sostniet li kieku t-talba attrici kellha tintlaqa' l-haddiema tax-xatt jithallsu darbtejn ta' l-istess haga u cioe` darba fil-vesti personali taghhom bhala haddiema tax-xatt u darba bhala ***sub-contractors*** ta' l-attrici Cargo Handling. Irrizulta li l-bastiment Brega Star dahal il-Freeport f'Dicembru 2002 biex ihott u jghabbi xi merkanzija izda zviluppa hsarat. Irrizulta li Joseph Bowman ghas-socjeta` konvenuta indaga dwar spejjez u hlasijiet involuti biex il-merkanzija tinhatt u terga' titghabba fuq vapuri ohra u skond Bowman is-segretarja tal-***manager***, M'Louise Attard kif ukoll id-direttur tal-portijiet Charlea Schembri nfurmawh li l-Cargo Handling ma tithallasx fuq xoghol ta' trasbord fil-Freeport. Sussegwentement is-socjeta` konvenuta rceviet fatturi mill-ufficcju tal-Port Workers u hallset taghhom izda sussegwentement irceviet onvoices ghall-istess xoghol mis-socjeta` attrici.

Jirrizulta mill-estratt esebit a fol 82 tal-process li fil-ftehim milhuq bejn l-Awtorita` Marittima u s-socjeta` attrici fid-9 ta' Lulju 1988 li l-port kien ifisser il-Port tal-Belt u Marsamxett. Fil-fatt il-partijiet qablu li s-socjeta` attrici kienet kuntrattur ta' l-Awtorita` Marittima fejn jidhol hatt u

tghabija ta’ merkanzija fil-portijiet. Dan hu wkoll konfermat anke mid-depozizzjoni ta’ Dr. Stanley Portelli, ***Director Legal and Corporate Affairs***, mal-Malta Freeport Terminals Limited. Dr. Portelli xehed li l-artikolu li l-postijiet fejn ghandha topera l-Cargo Handling bhala kuntrattur tal-MMA ma jinkludix il-Port ta’ Marsaxlokk. Hu jsemmi li l-lista hija ***exhaustive*** u ma tinkludix il-Freeport u li l-Cargo Handling ma tistax tinsisti li tahdem gewwa l-Freeport. Sostna li fil-kuntratt ta’ privatizzazzjoni li sar mal-operatur il-gdid tal-Malta Freeport Terminals Limited id-dover tal-***handling*** ta’ ***domestic cargo*** jaqa’ fuq l-operatur u esprima l-opinjoni li s-socjeta` attrici mhix intitolata li tigbor flus fil-Freeport ghalkemm semma li ghal dak li jirrigwarda xoghol domestiku s-socjeta` attrici tigbor id-drittijiet taghha minghajr ma jkun ezegwit ix-xoghol u tigbor drittijiet li jitqassmu lill-***port workers***. Ma giex esebit il-kuntratt shih tal-ftehim izda dan kien jinkombi fuq is-socjeta` attrici ghax jinkombi fuq min irid jaghmel il-provi li jipprezenta l-provi (inkluz id-dokumenti) in sostenn tad-drittijiet tieghu.

Bhala stat ta’ fatt jirrizulta li l-***containers*** inhattu fil-***west quay*** mill-haddiema tal-port bil-***cranes*** tal-bastiment u ttiehdu mill-haddiema tal-Freeport sa ***Terminal*** 1. Hija regola tal-korporazzjoni tal-Freeport li ***containers*** fi hdan il-Freeport jingarru biss minn haddiema taghha. It-tghabija tal-irham tnizzlet ukoll fil-***west quay*** mill-haddiema tal-port u ttiehdet ***Terminal*** 1 mill-White Brothers Limited li tqabbdu privatament mis-socjeta` konvenuta.

Jigi rilevat ukoll li x-xoghol li sar fil-kaz in ezami kien wiehed li jittratta xoghol ta’ trasbord jew ***transhipment*** u mhux xoghol domestiku u ghalhekk ma japplikax dak li semma Dr. Portelli bhala prassi.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta minhabba li l-operazzjonijiet tal-Malta Freeport huma eskluzi mill-funzjonijiet tas-socjeta` attrici.

Subordinatament tilqa' l-eccezzjoni li x-xoghol li sar mill-***port workers*** gja huwa mhallas.

Spejjez kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------